# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**

CHAIRPERSON

Rikors Nru 923/2021 LC

**JOAN BORG (K.I. 0444139M)**
**CARMEN BELLIA (K.I. 420272M)**
**ANNUNZIATO BORG (K.I. 262669M)**
**CAMILLA FENECH (K.I. 273170M)**
**CHRISTOPHER BORG (K.I. 65181M)**
**SALMENIO BUHAGIAR (K.I. 78369M)**
**MARTINA BUHAGIAR (K.I. 248101L)**

*vs*

**VINCENZA CAMILLERI (K.I. 0795332M)**

**RAYMOND CAMILLERI (K.I. 0352457M)**

**JASON CAMILLERI (K.I. 208272M)**

**U**

**AWTORITA' TAD-DJAR**

Illum, 27 ta' Ġunju, 2023

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Joan Borg (K.I. 500359M), Carmen Bellia (K.I. 420272M), Annunziatio Borg (K.I. 262669M), Camillia Fenech (K.I. 273170M), Christopher Borg (K.I. 65181M), Salmenio Buhagiar

(K.I. 78369M) u Martina Buhagiar (K.I. 248101L) fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

i) Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi ta' Vincenza Camilleri (K.I. 0795332M), Raymond Camilleri (K.I. 0352457M) u Jason Camilleri (K.I. 208272M) ai termini tal-Att XXIV tal-2021, li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom, u liema test tal-mezzi għandu jkun ibbażat fuq id-dħul tal-kerreja bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru, 2020 u fuq il-kapital tal-kerreja fil-31 ta' Diċembru, 2020, u liema test tal-mezzi għandu jitmexxa b'referenza partikolari, inter alia, għar-regolamenti 4 sa 8 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) li għandhom japplikaw mutatis mutandi f'dan il-każ.

ii) Jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera tal-fond 8, Cancella Lane, Birkirkara għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ, u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera jekk ikun il-każ.

iii) Jordna li jsir ħlas ta' żieda fl-ammont tal-kera matul il-pendenza tas-smiegħ tar-rikors odjern, ai termini tal-Artikolu 4A (6) tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

iv) Jordna u jikkundanna lill-intimati Vincenza Camilleri (K.I. 0795332M), Raymond Camilleri (K.I. 0352457M) u Jason Camilleri (K.I. 208272M) jħallsu din it-tali kera awmentata

ai termini tal-Att XXIV tal-2021, b'effett mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern.

v) Jordna, f'każ illi l-intimati Vincenza Camilleri (K.I. 0795332M), Raymond Camilleri (K.I. 0352457M) u Jason Camilleri (K.I. 208272M) ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tagħhom mill-fond in kwistjoni, fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-1 ta' Ġunju, 2021.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni u b'riserva u mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentata.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar tal-01 ta' Frar, 2022 fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi jridu jippruvaw t-titolu tagħhom u li huma waħedhom huma s-sidien uniċi tal-fond (ii) l-atturi wkoll għandhom jipproduċu u jesebixxu d-dikjarazzjonijiet causa mortis tad-defunti awturi tagħhom; (iii) il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 għandux jiġi applikat għal dan il-każ; (iv) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti u; (v) illi l-Periti maħtura bil-liġi għandhom jagħtu l-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuħ imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih issir ir-rikors u (vi) f'każ li l-inkwilini jissodisfaw t-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra r-risposta tal-intimati Vincenza Camilleri (K.I. 0795332M), Raymond Camilleri (K.I. 0352457M) u Jason Camilleri (K.I. 208272M) datata t-18 ta' Frar, 2022 fejn eċċepew li :

i) L-esponenti għandhom jitqiesu bħala li jissodisfaw il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi u kwindi t-talba għall-iżgumbrament għandha tiġi miċħuda;

ii) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kemm-il darba dan l-Onorabbli Bord jogħġbu jirrevedi l-kera ai termini tal-Att XXIV tal-2021, huwa għandu jqis il-fatturi kollha tal-liġi, flimkien ma' fatturi oħra, fost l-oħrajn, l-età tal-esponenti, il-benefikati illi hija għamlet fil-fond, l-istat finanzjarju tar-rikorrenti versu dak tal-intimati u l-prezz li bih akkwistat l-istess rikorrenti, fost fatturi oħra. Dan qiegħed l-aktar jingħad għaliex il-posizzjoni finanzjarja tal-intimati hija tali illi lanqas jifilħu jħallsu l-massimu tal-persentaġġ mill-valur tas-suq u kwindi jekk il-Bord jgħoġbu li jirrevedi l-kera, din m'għandhiex toqrob lejn l-ogħla livell tat-tnejn fil-mija;

iii) Illi fi kwalsiasi każ, il-posizzjoni tal-esponenti hija waħda mingħajr ħtija u għalhekk lanqas għandha tbati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri;

iv) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi fil-liġi;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li huma minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tal-10 ta' Diċembru, 2021 u tal-04 ta' Jannar 2022, l-intimati wettqu it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Bernice Van Dijk u l-Perit Rene Cutajar ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakoltà lis-sidien tal-kera jadixxu lil dan il-Bord u jitolbu żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien il-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimati humiex l-inkwilini ta' dan l-istess fond.

Illi skond ma jirriżulta mir-rikors promotur, il-fond de quo kien jappartjeni oriġinarjament lid-defunti Annunziato Aquilina, li ġie nieqes fl-20 ta' Settembru 1967 u Rosina Aquilina, li ġiet nieqsa fit-18 ta' Mejju 1984. Huma kellhom żewġt' ulied, senjatament ir-rikorrenti Joan Borg u Vincenza Borg.

Illi jirriżulta li Annunziato u Rosina Aquilina kellhom żewġt ulied, senjatament Joan Borg u Vincenza Camilleri u l-fond de quo iddevolva fuqhom *causa mortis* mill-eredità tal-ġenituri tagħhom.

Illi mid-dikjarazzjoni *causa mortis* ippublikata min-Nutar Dottor Mary Camilleri Cutajar fil-11 ta' Ġunju 2010 jirriżulta li Vincenza Borg ġiet nieqsa fl-14 ta' Diċembru 2009 u b'testment unica charta redatt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard fil-21 ta' Frar 1983 il-wirt tagħha ddevolva fuq il-ħames uliedha Annunziato Borg, Camilla Fenech,

Rose Buhagiar, Carmen Bellia u Christopher Borg filwaqt li ħalliet lil żewġha Carmelo Borg l-użufrutt tal-ġid kollu tagħha. Illi Rose Buhagiar ġiet nieqsa u sehma ddevolva fuq ir-rikorrenti Salmenio Buhagiar u Martina Buhagiar.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt ikkreat mill-att appena msemmi, u għalhekk abbażi tal-istess atti, il-Bord huwa sodisfatt illi għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri biss, ir-rikorrenti huma s-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni.

Ikkonsidra;

Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jiddikjaraw illi l-fond de quo huwa mikri lil-intimati versu l-kera komplessiva ta' €338 fis-sena, in kwantu għal €200 minn Vincenza Camilleri; €92 minn Raymond Camilleri u €46 minn Jason Camilleri.

Illi fl-affidavits tagħhom ppreżentati mad-dokumentazzjoni relattiva għat-test tal-mezzi, ir-rikorrenti jiddikjaraw illi l-binja *de quo* hija kerrejja u li huma jikru xi kmamar f'din il-kerrejja. Di piu, Raymond Camilleri u Jason Camilleri ppreżentaw kopji ta' xi riċevuti ta' kera relevanti.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega d-dikjrazzjoni tar-rikorrenti illi l-intimati huma l-inkwilini tar-rikorrenti fil-fond *de quo*, kif wara kollox huwa kkonfermat mill-intimati stess fir-risposta tagħhom hawn fuq imsemmija. Għalhekk il-Bord huwa sodisfatt illi l-intimati Stephen Psaila u Marthese Psaila huma effetivament l-inkwilini tal-fond *de quo.*

Ikkonsidrat;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi:

- Id-dħul tal-intimata Vincenza Camilleri ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimati, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

- Id-dħul tal-intimat Raymond Camilleri ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(5) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimat, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(4) tar-Regolamenti msemmija.

- Id-dħul tal-intimat Jason Camilleri ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(4) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimat, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(3) tar-Regolamenti msemmija.

Illi ma ġiet mressqa ebda prova quddiem il-Bord rigward l-applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u b'hekk, dan il-Bord

ma jara ebda raġuni għalfejn għandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena ċitati.

B’hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimati Vincenza Camilleri, Raymond Camilleri u Jason Camilleri ma jeċċedux il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi) u konsegwentement **jissodisfaw** l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A (5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta’ Malta. B’hekk, m’hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A (4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti f’kerrejja b'aċċess minn sqaq u li fiha erba' abitazzjonijiet. Tlieta minn dawn abitazzjonijiet huma mikrija lill-intimati fil-fatt illi r-raba' wieħed jappartjeni lil terzi persuni. Il-fond jidher li huwa mibni bil-ġebel u saqaf bix-xorok u travi ta' l-injam il-madum tal-art huwa ġeneralment taċ-ċeramika iżda hemm kmamar li għandhom biċ-ċangatura jew madum tradizzjonali tas-siment ikkulurit. Wħud mix-xorok huma maqsumin u jidhru wkoll sinjali ta' umdità mal-ħitan l-irfinituri huma qodma u kif inhuma mqassmin il-kmamar bħalissa m’humiex prattiċi sabiex jintużaw bħala abitazzjoni. Il-kmamar kollha għandhom il-bibien u -neċessitajiet, iżda manutenzjoni u possibilment rinnovazzjoni tal-fond huwa rakkomandat.

Illi l-periti tal-Bord, wara li ħadu konjizzjoni tal-inkarigu tagħhom u tenut kont l-abitazzjoni u d-daqs tagħha il-valur tal-proprjetà fis-suq liberu huwa ta' mitejn u għoxrin elf ewro (€220,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[1]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' erbat' elef u erba' mitt ewro (€4,400) fis-sena.

Ikkonsidra

Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jiddikjaraw illi t-total tal-kera mħallsa fl-ammont ta' €338, huwa spezzettat bejn l-intimati f'porzjonijiet differenti. Filfatt, iż-żewġ intimati Raymond Camilleri u Jason Camilleri eżebew żewġ kotba tal-kera fir-rigward tal-porzjon tagħhom.

[1] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

Il-Bord hu tal-fehma illi ladarba l-kera tinġabar fi kwoti differenti, l-awment tal-kera għandu wkoll jiġi impost fuq l-intimati fil-kwoti kif preżentement viġenti:

- Vincenza Camilleri = €200/€338 = 59.17%
- Raymond Camilleri = €92/338 =27.22%
- Jason Camilleri = €46/€338 = 13.61%

Dan iffisser li l-awent tal-kera għandu jolqot lil kull intimat kif imiss:

- Vincenza Camilleri = 59.17% X €4,400 = €2,603.48
- Raymond Camilleri = 27.22% X €4,400 = €1,197.68
- Jason Camilleri = 13.61% X €4,400 = €598.84

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba stante illi t-test tal-mezzi tal-intimati twettaq waqt l-andament tal-kawża.

2. Jilqa' it-tieni u jiddikjara illi l-kera tal-fond bl-indirizz 8, Cancella Lane, Birkirkara għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo* u konsegwentement jawmenta l-kera globali pagabbli mħallsa mill-intimati għall-ammont ta' erbat' elef u erbgħa mitt ewro (€4,400) fis-sena, kif ukoll jistabbilixxi kondizzjonijiet ġodda kif elenkat hawn aktar 'l-isfel;

3. Jiċħad it-tielet talba stante li l-proċeduri odjerni ġew konklużi bil-preżenti;

4. Jilqa' ir-raba' u jordna (i) lill-intimata Vincenza Camilleri tħallas il-kera awmentata fl-ammont ta' €2,603.48; (ii) lill-intimat Raymond Camilleri jħallas il-kera awmentata fl-ammont ta' €1,197.68 u (iii) lill-intimat Jason Camilleri jħallas il-kera awmentata fl-ammont ta' €598.84, fis-sena u dan bil-modalità ta' erba' skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta' Jannar, April, Lulju u Ottubru ta' kull sena

5. Jiċħad il-ħames talba stante li l-intimati kollha jissodisfaw il-kriterji tat-dħul u tal-Kapital tat-test tal-mezzi;

6. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**